MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 12/2007

Donna Camilleri

vs

L-avukat Dottor Jean Paul Grech,
Li b'digriet tas-17 ta' Awwissu 2009,
Ġie nominat kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta
lill-imsiefer Adel Ben Bechir Lemsi

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

1. Illi nhar is-sebgħa ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija tmienja u disgħin meta l-attriċi kellha tmintax-il sena hija żżewġet lil Adel Ben Bechir Lemsi iben Bechir Lemsi

u Zohra nee’ Ben Yousef, imwieled Tunes u dakinhar kien residenti San Pawl il-Bahar li kellu karta ta’ l-identita’ numru (20703 A).

2. Illi dan iż-żwieg kien wieħed ta’ konvenjenza. U fil-fatt l-attriċi lanqas kienet taf biss lil dan Adel Ben Bechir Lemsi illi sussusgwentament kellu ikun żewġha. Illi fil=fatt sa miż-żwieġ tagħha l-partijiet qatt ma għexu flimkien u kulħadd baqa’ jgħix għal rasu.

3. Illi jeżisti lok illi dan iż-żwieġ jiġi dikjarat null stante illi l-kunsens kien wieħed simulat, totalment u l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għal l-att taż-żwieġ;

4. Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’effett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

5. Illi difatti wara li żżewġu l-partijiet reġgħu ltaqgħu biss meta sseparaw ħamex xhur wara permezz ta’ kuntratt ta’ l-għoxrin (20) ta’ April, ta’ l-elf disa’ mija u disgħa u disgħin (1999) fl-atti tan-nutar Dr. Nicholas Vella.

6. Illi dan ir-rikors qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Donna Camilleri li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talbet lill-konvenut nomine jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq premessi ż-żwieġ li seħħ bejn il-kontendenti nhar is-sebgħa (7) ta’ Novembru elf disa’ mija u tmienja u disgħin (1998) fil-bini tar-Reġistru Pubbliku Valletta huwa wieħed null u bla effett.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li minn issa jinsab inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża, u għaldaqstant mhux fil-pożizzjoni li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli għall-każ skond il-liġi. Difatti fil-preżent huwa lanqas m'għandu indirizz, numru tat-telefon jew *email* li jistgħu jippermettulu li jagħmel kuntatt ma' Adel Ben Bechir Lemsi fil-post fejn qiegħed jirrisjedi. Għalhekk, l-esponenti qiegħed jirriserva li jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni kollha mertu tal-każ. Għal kull buon fini pero' l-esponenti qiegħed jikkontesta t-talbiet attriċi.

2. Salvi u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

3. B'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, l-esponenti nomine jirrileva li hu mhux fil-pożizzjoni li jikkummenta fuq il-veraċita' o meno tagħhom stante li kif ġia' ingħad huwa sprovvist mill-informazzjoni kollha relattiva għal dan il-każ.

Rat l-atti l-oħra kollha, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Diċembru 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għax allegatament:

(i) il-kunsens tal-partijiet kien wieħed simulat totalment u nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ

(ii) il-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

Huwa ferm dubbjuż kemm l-ewwel u t-tieni raġuni ndikati mill-attriċi għaliex dan iż-żwieġ jista' jiġi dikarat null, jistgħu jeżistu flimkien. Dan għaliex ma jistax ikun li xi ħadd jidħol għaż-żwieġ mingħajr ma jkun jaf x'ifisser żwieġ jew x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet f'dak iż-żwieġ, u fl-istess ħin joħloq simulazzjoni biex jeskludi xi wieħed jew aktar mid-dmirijiet tal-ħajja miżżewġa.

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-attriċi, hija sufficjenti biex, indipendentement mir-raġunijiet l-oħra, tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255). Il-konvenut mhux magħruf fejn jinsab u għalhekk il-kuratur nominat in rappreżentanza tiegħu ma kienx f'pożizzjoni ifisser x'kellu dan xi jgħid dwar din it-talba. Imma din il-Qorti, konformament mal-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati in tema ta' annullament ta' żwieġ[1], ser tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak allegat ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi f'materja ċivili. Ma jistax ma jiġix enfasiżżat illi: "i*s-soċjeta' għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullita' ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti.*"[2] Hekk ukoll ġie diversi drabi ribadit illi: "*Iż-żwieġ għas-soċjeta' mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe*

[1] Ara fost oħrajn, Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna : Qorti ta' l-Appell 6.11.1991; Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri : Prim'Awla 4.11.1994 ; Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri : Prim'Awla : 3.10.1995 .
[2] M mart AD vs AD : 13.3.1984 kollez. vol. LXVIII pt. 3 p. 49 .

*dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u sostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taz-żwieġ tiegħu mal-konvenuta*.[3]

**Raġunijiet miġjuba għan-nullita':**

L-attriċi tallega fl-ewwel lok illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat għax inkiseb **bl-esklużjoni pożittiva ta' wieħed mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa** da parti tagħhom. Din ir-raġuni li fuqha l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha, hija kontemplata fl-artikolu 19(1) (f) ta' l-Att dwar iż-żwieġ. Din hija simili ħafna għal dak stipulat fl-artikolu 1101(2) tad-Dritt Kanoniku. Taħt dan is-subinċiż, iż-żwieġ jista' jkun null jekk ikun hemm l-esklużjoni pożittiva :

(i) taż-żwieġ innifsu;

(ii) ta' l-elementi essenzjali tiegħu; u

(iii) ta' l-att konjugali.

Hawn qegħdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u ċioe' meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun qed jingħata, dak li l-awturi jsejħu *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Ingħad illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew ta' wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, irid jara jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti l-kunsens validu għaż-żwieġ, bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, ikunx eskluda *a priori* ż-żwieġ innifsu jew inkella ċerti obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.[4] Sabiex tissussisti nullita' a bażi ta' l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255, il-liġi tirrikjedi esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi taż-żwieġ. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza illi sabiex jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit, m'hemmx bżonn li tali esklużjoni tkun waħda sfaċċata, iżda l-intenzjoni ta' l-esklużjoni tista'

---

[3] Appell. Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia : 28.7.1987 kollez. Vol.. LXXI. pt. 2 p. 212 .
[4] Prim'Awla : Marita Schembri vs Emmanuel Schembri : 9.04.2003 .

tkun waħda perċepibbli minn azzjonijiet impliċiti. Dak li jrid jiġi ppruvat, hu li fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali, parti waħda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-ħsieb li jċaħħdu lill-parti l-oħra minn xi wieħed mid-drittijiet u dmirijiet essenzjali taż-żwieġ. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazjzoni f'dan is-sens, basta l-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dawn ikunu attendibbli. Il-prova tista' ssir ukoll b'ċirkostanzi anteċedenti, konkomittanti u sussegwenti għall-għoti tal-kunsens.[5]

**Provi dwar il-każ:**

Mill-ftit provi li tressqu, fil-fatt xehdu biss l-attriċi u missierha, jirriżulta illi l-attriċi, bint unika fi żwieg li kien ġie annullat meta hija kellha biss tliet snin, għamlet tfulitha tgħix unikament ma' ommha. Meta kellha sittax-il sena, billi xejn ma kienet taqbel ma' ommha, telqet mid-dar u marret tirrisjedi mal-ħbieb. Kienet tgħix biss bl-għajnuna soċjali u għalhekk dejjem kienet bżonn il-flus. Darba waħda meta kellha tmintax-il sena, ħabiba tagħha li kienet miżżewġa għarbi, ssuġeritilha tiżżewweġ lil xi ħabib ta' żewġha, ta' nazzjonalita' għarbija wkoll, li kien lest iħallas elf lira maltija (Lm1000) lil min ikun lest jiżżewġu. Billi hija kienet bżonn il-flus, għalkemm għall-ewwel irreżistiet, tħajjret u spiċċaw iżżewġu bir-rit ċivili fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, fis-7 ta' Novembru 1998 meta hija sa dakinhar kienet iltaqgħet miegħu  xi darbtejn biss. Wara li żżewwġu qatt ma għexu flimkien, la taf fejn mar joqgħod u lanqas jekk u fejn kien qed jaħdem. Infatti l-flus imwegħda għal dan iż-żwieġ l-attriċi baqgħet qatt ma ġabrithom. Spiċċaw biex isseparaw formalment permezz ta' separazzjoni konsenswali  b'kuntratt in atti Nutar Dottor Nicholas Vella ta' l-20 ta' April 1999. Minn dakinhar hija kellha relazzjoni ma' terza persuna u għandha wkoll l-ulied minnha. Imbagħad fit-2 ta' Awwissu 2007, spiċċat biex intavolat il-preżenti proċeduri.

Huwa ferm evidenti illi dan iż-żwieġ kien għal kollox wieħed ta' konvenjenza li sfortunatament kellna bosta minnhom f'dawn l-aħħar snin, fejn persuni ta' nazzjonalita'

[5] Prim'Awla : Daniela Shaw vs Josef Camilleri : 12.12.2002 .

għarbija li jiġu jfixxtu x-xogħol f'dawn il-gżejjer, jipprovaw isibu mara maltija li tkun lesta tiżżewwiġhom, bl-intenzjoni li jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu Malta. Dan il-każ kien appuntu wieħed minnhom, u żgur li hawnhekk kellna simulazzjoni totali bejn iż-żewġ partijiet li lanqas biss kellhom l-iċken opportunita' jsiru jafu xi ftit lil xulxin qabel ma daħlu għaż-żwieġ. Il-hsieb ta' l-attriċi kien biss li takkwista b'mod faċli somma ta' flus li kellha bżonn, u dak tal-għarbi kien illi jkollu l-opportunita' li jibqa' jgħix u jaħdem f'dawn il-gżejjer. Infatti wara li nqeda bl-attriċi biex jakkwista dak li kellu f'moħħu, Lemsi allontana ruħu mal-ewwel minn ma' martu u telaq jgħix għar-rasu.
F'tali ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-każ in eżami, teżisti evidenza biżżejjed biex tikkonferma illi kien hemm simulazzjoni tal-kunsens tal-partijiet, meta fil-mument taż-żwieġ taghhom, internament eskludew proprju iz-zwieg innifsu.

Għaldaqstant, billi ġie ampjament ippruvat illi tassew kien hemm simulazzjoni da parti tal-kontendenti, din ir-raġuni miġjuba mill-attriċi għaliex iż-żwieġ tagħha mal-konvenut kif rappreżentat għandu jiġi dikjarat null, għandha tiġi milqugħa, u ma jibqa' l-ebda raġuni għaliex għandha tiġi nvestigata wkoll ir-raġuni l-oħra miġjuba minnha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fis-7 ta' Novembru 1998 bejn l-attriċi Donna Camilleri u Adel Ben Bechir Lemsi, kien null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu, a tenur ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu da parti tagħhom.

L-ispejjeż tal-kawża, billi rriżulta illi jaħtu ugwalment il-kontendenti għal dak li ġara, għandhom jiġu ssoportati indaqs bejniethom.

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċjali ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex

isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta' Żwieġ relattiv skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------